MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Numru 769/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**VS**

**NOEL CIANTAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Noel Ciantar, ta’ 31 sena,, bin Alexander u Catherine nee’ Vella, imwieled tal-Pieta’, nhar it-8 ta’ Jannar, 1974, u li joqghod fil-fond numru 13, Triq il-Pepprin, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 102074 (M);

1. Akkuzat talli nhar it-Tnejn, 8 ta’ Awissu, 2005, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-

mohh, jew il-prodott ta’ ndustrija, jew xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Ghamel uzu xjentement ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema, li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe’ diversi CDs tal-muzika, films fuq DVDs, u oggetti ohra.
U dan kollu bi ksur tal-Artikolu 298(1)(a), (c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. U aktar talli fl-istess data u lok, ghal qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa jew immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jheddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta’ Malta jew tahtha, u dan kollu bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Wara li rat l-Artikoli 298(1)(a)(c) u (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmi Noel Ciantar hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-

lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Inoltre* il-Qorti qiegheda wkoll tornda konfiska tal-oggetti ezebiti.

Il-Qorti spjegat il-portata sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------